MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Numru 92/2006

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Lucianne Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 387880(M) akkuzata talli:

1. nhar il-25 ta’ Novembru, 2005, ghal habta tal-10:00p.m. fil-Hamrun, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunat ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Redent Ciantar (I.D. Card no: 317288(M), u dan hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Aoudi Mirna, MD. Dan bi ksur tal-Artikoli 216 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra l-istess Redent Ciantar sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara lil din il-persuna u aktar ghamlitlu ingurji jew theddid mhux imsemmijin banda ohra f'dan il-kodici, jew jekk kienet provokata, ingurjat b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art 339 d u Art 339 e);

3. fl-istess data, hin, lok, imbottat lil Redent Ciantar fit-triq biex twegghu jew tinsultah;

4. fl-istess cirkustanzi, data, hin, lok, kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338dd);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darbet jew sawtet, heddedt bil-gebel, jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew wadbithom jew qabdet armi ohra, kontra n-nies (Art 339 b);

6. fl-istess data, lok u hin qalet kliem oxxen fil-pubbliku, dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.
Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huwa incident li nqala' bejn l-akkuzata u l-parti leza, certu Redent Ciantar, f'Triq San Guzepp, Hamrun. X'ipprovoka l-argument mhux daqstant rilevanti billi fl-ahhar analisi hu indubitat li l-parti leza soffriet xi griehi fuq il-persuna taghha. Difatti l-akkuzata hi ffaccjata bl-akkuza li ikkagunat ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza liema akkuza hija l-aktar serja fost l-akkuzi l-ohra diretti kontra taghha.

Illi apparti l-okkorrenza tal-incident u x-xhieda tal-parti leza m'hemm xejn izjed bhala provi stante wkoll li l-akkuzata ghazlet li ma tixhidtx. Inghad dan ghalhekk l-prova dwar

jekk l-akkuzi gewx ippruvati jew le mill-prosekuzzjoni jiddependu fuq ix-xhieda tal-parti leza biss.

Illi ezaminata din x-xhieda ghandu jirrizulta illi difficilment tista’ treggi l-akkuza tal-ferita gravi. Ix-xhieda in propositu tghid testwalment hekk: “ …l-isptar ma zammewnix, illi wara li ghajni giet immedikata irrilaxxawni, jiena hemmhekk mort id-dar u l’ghada filghodu qomt normali, ghajnejja kienet ghaddietli. Apparti l-gerha f’ghajnejja kelli barxa fuq il-mohh però din wara tlett ijiem ghaddietli.” Kwindi l-feriti huma eskluzi mill-ambitu tal-artikoli 216 u 218 tal-Kap 9 izda jaqaw taht l-Artikolu 221 tac-citat Kap.

Illi fir-rigward l-akkuzi l-ohra, li huma kollha ta’ natura kontravenzjonali, jirrizultaw t-tieni u l-hames akkuzi izda mhux l-ohrajn li allura qeghda tilliberah minnhom.

Rat ghalhekk l-Artikolu 221, 339(b), 339(d), 339(c), 17(d) tal-Kap 9. Tikkundannha mitt euro multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------